MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Numru 299/2004

Il-Pulizija
(Sp Simon Galea u
Sp Dennis Theuma)
vs
Redent Attard, iben Maria Stella Attard, imwieled Pieta' fil-11 ta'
lulju, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer fit-2 ta' novembru, 2003 ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Birkirkara, fi Triq il-Kbira, Birkirkara –
1. għamel offiża ta' natura ħafifa, kif ċertifikat minn Dr. Ray Borg M.D. tal-Mosta Health Centre fuq il-persuna ta' PS1043 F. Pace, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li

jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
2. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ l-istess PS1043 F. Pace, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubblliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għal esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita kompetenti;
3. ma obdiex ordni leġittima ta’ l-awtorita’ jew ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku, speċifikatament PS1043 F. Pace u WPC178 Sylvana Bellia, jew ma ħallejthomx jew fixkilthom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom jew b’xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmirijiethom billi ma ħallijhomx jagħmlu dak li bil-liġi jkunu ordnati jew jistgħu jagħmlu jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi jew b’xi mod ieħor ikun li jkun.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ april, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95(1), 96(a), 221(1) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------